MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 938/2004

**MALTACOM PLC**

**vs**

**William DIGBY**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors;

Illi l-kawża fl-ismijiet Maltacom plc kontra William Digby (Ċit. Nru. 621/98FGC) ġiet deċiża min din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju, 1999, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm2395.39 (elfejn, tlett mija ħamsa u disgħin Liri Maltin u disgħa u tletin ċenteżmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 241090 li kien installat fil-fond numru 16, Triq it-Tigrija, Marsa, bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm247.52 (mitejn sebgħa u erbgħin Liri Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm1022.03 (elf, tnejn u għoxrin Liri Maltin u tlett ċenteżmi), imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm3664.94 (tlett elef, sitt mija u erbgħa u sittin Liri Maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjeta' esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut;

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwizzi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------